**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Emerson Cutajar**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emerson Cutajar ta' 26 sena, iben Giuseppe u Michelle Tracy nee' Giordimaina li twieled ġewwa Pieta' nhar is-12/05/1994, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz Blk 2, Fuq San Pawl, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita 214094M

   Akkuzat talli nhar il-15/04/2021 fil-ħinijiet ta' bejn is-7PM u is-7.30PM ġewwa l-Isla

1) Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' omm bintu Katrina u cioe' Leonella Desira, hekk kif iċċertifikat Dr. Ritianne Buhagiar mill-klinika ta' Raħal Gdid

2) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Leonella Desira

3) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Leonella Desira jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

4) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-kodici kriminali

Il-Qorti giet mitluba f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Leonella Desira jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Emerson Cutajar billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u rat id-dokumenti kollha ezebiti, u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

3. Rat li fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022, id-difiza ddikjarat li m'hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-istess seduta dwar jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022 gie registrat is-segwenti verbal:

   *"Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda ta' Leonella Desira fejn talbet lill-Qorti biex ma tixhedx kontra l-imputat li jigi l-ex sieheb taghha u missier it-tifla minuri ta' bejniethom, u wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali qed tezenta lix-xhud Leonella Desira milli tixhed f'dawn il-proceduri."*

6. F'dik l-istess seduta xehedu ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Eman Heyman u Dr Ritienne Buhagiar.

7. L-Ufficjal Prosekutur xehed kif fil-15 t'April 2021 kien gie infurmat li sar rapport minn Leonella Desira, fejn iddikjarat li dak-in-nhar kien sehh argument bejnha u l-ex sieheb taghha, l-imputat. L-argument beda b'xi telefonata u skala meta t-tnejn iltaqghu fizikament l-Isla, u Leonella Desira allegat li waqt dan l-argument verbali l-imputat kien taha erba' daqqiet ta' ponn fuq wiccha. Huwa spega l-investigazzjoni kollha li ghamel fir-rigward ta' din l-allegazzjoni.

8. Dr Ritianne Buhagiar, tabiba il-Paola Health Centre, ikkonfermat bil-gurament ic-certifikat mediku rilaxxat minnha fil-15 ta' April 2021, fejn iddikjarat li Leonella Desira kellha *'superficial LCW over medial aspect of right supraorbital ridge."*. Hija ikklassifikat din il-ferita bhala wahda gravi, in vista tal-fatt li kienet fil-wicc. Ix-xhud qalet li ma tiftakarx x'kienet qaltilha Leonella Desira dwar kif sehhet din il-ferita.

9. L-imputat irrilaxxa stqarrija b'mod audiovizjali li giet ezebita fuq CD. F'din l-istqarrija huwa innega li hu kien sawwat lil Leonella Desira bil-ponn b'wiccha. Huwa qal li waqt l-argument verbali li kellhom, Leonella Desira ippruvat taggredieh billi *inter alia* titfi sigarett

go ghajnejh, u hu kien pront imbuttalha idejha minn quddiem wiccu b'idu, u li kien dak il-hin li idu setghet misset ma' wiccha.

10. Fit-trattazzjonijiet orali, id-difiza issottomettiet li ladarba l-parti leza giet ezentata, fuq talba taghha stess, milli tixhed, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

11. F'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-kwistjoni ta' x'inhu l-livell ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja, tiddeciedi li jkun hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza.

12. L-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali juza l-kliem *"ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza"*. Fl-ewwel lok din il-frazi tfisser li l-livell ta' prova li trid tressaq il-Prosekuzzjoni irid ikun oghla minn dak ta' suspett ragonevoli li l-imputat ikkommetta r-reati li bihom jinsab akkuzat. Suspett ragonevoli jiggustifika arrest u tfittxija, pero mhux bizzejjed ghal din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi li l-imputat ghandu jitqieghed taht att t' akkuza. Il-livell ta' prova mressqa mill-Prosekuzzjoni irid ikun iktar oghli. Min-naha l-ohra, din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja m'ghandhix tesigi prova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni – dik hija l-funzjoni tal-gurija jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

13. Fid-digriet **Il-Pulizija vs Dottor Lawrence Pullicino** moghti fis-17 ta' Marzu 1988, fejn qamet kwistjoni identika, din il-Qorti, diversament preseduta, analizzat fil-fond il-kazistika in materja, u waslet ghal konkluzjoni segwenti:

14. *"Mill-gurisprudenza citata jidher illi jezisti cursus curiae fis-sens illi l-principju li ghandu jigi uzat huwa fuq il-livell ta' ezami ta' possibilita sa massimu ta' probabbilita, pero dejjem prima facie."*

15. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Lebrun** deciza fid-9 ta' Frar 2007, il-Qorti Kostituzzjonali analizzat id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istruttorja u irriteniet hekk:

*"Sinifikanti huwa l-fatt li, ghalkemm fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat jiddeciedi biss fuq bazi ta' prima facie – komparabbli ma' decizjoni fil-kamp civili, li tittiehed kemm mill-Prim'Awla u kemm mill-Qorti tal-Appell ghal diversi finijiet, li hemm probabilis causa litiganti - u minghajr ma l-istess Magistrat jaghmel valutazzjoni tal-provi biex jara lil min jemmen jew, f'kaz ta' zewg verzjonijiet opposti, liema verzjoni ghandha tregi, fl-istruttorja il-Qorti hi obbligata li tigbor u tikkonserva wkoll il-provi mressqa mill-imputat jekk dan jaghzel li jressaq tali provi f'dana l-istadju.*

*Fid-dawl ta' dan li ghadu kif inghad, ghalhekk, meta l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, galadarba d-decizjoni hija wahda fuq bazi prima facie u minghajr ma jittiehed kont tal-provi mressqa mid-difiza, anke jekk dawn ikunu tressqu fl-istadju tal-istruttorja, ma jistghax jinghad li dik id-decizjoni hija "decisive for the determination of the criminal charge." Dik id-decizjoni la tidhol fil-meritu u anqas tista tincidi fuq il-meritu – dejjem s'intendi jekk il-gudikant ma jkunx esprima ruhu b'tali mod li jkun qal aktar minn dak li kien mehtieg li jghid. Huwa proprju ghalhekk li, fuq rinviju ghall-gudizzju maghmul mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(3) jew 433(5) tal-Kodici Kriminali, l-istess Magistrat li jkun iddecieda li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza jista' in segwitu jiddeciedi fil-meritu."*

16. Fis-sentenza **Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-23 ta' Settembru 2010, il-Qorti Kriminali[1] spjegat il-grad ta' prova tal-prima facie rikjest fi procedura ta' sfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija. Hija irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-awtur* **Blackstone** *(at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*

[1] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*Ghad li hawnhekk* **Blackstone** *qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*

*Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'***R. vs Codan** *Qorti Kanadiza meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant is committal for trial. The Crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-***Blackstone***, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on applaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla."*

17. Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra** deciza fis-17 ta' Frar 2014, il-Qorti Kriminali[2] regghet tenniet hekk dwar il-grad tal-prova tal-prima facie fl-eghluq tal-kumpilazzjoni:

*"Il-Qorti tal-Magistrati bbazat id-decizjoni taghha fuq il-livell tal-prova tal-probabbli iddecidiet li l-provi milhuqa sa dak l-istadju ma jissodisfawx 'gudikant dwar l-elementi kollha tar-reati ipotizzati almenu sal-grad tal-probabbli.' Bir-rispett, dan hu zbaljat ghax il-grad li jrid jintlahaq huwa ferm anqas minn hekk u jidhol x'imkien bejn il-possibli u l-probabbli. Jekk il-Magistrat ikun sodisfatt mill-provi mismugha hemm almenu "a case to answer" li jimmerita aktar investigazzjoni, allura l-livell ta' prova "prima facie" intlahaq u l-proceduri jistghu jitkomplew. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-provi jkunu 'hearsay evidence' dawn f'certi cirkostanzi jista' jigi ikkunsidrati mill-Qorti meta jkunu ta' 'importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu … …" (ara l-art. 598 COCP res applikabbli ghall-kriminal bl-artikolu 645 tal-Kap. 9).*

*Ghal decizjoni aktar approfondita tat-tifsira tal-prova "prima facie" il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni minnha moghtija fl-atti tar-rikors **"Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** deciza fit-23 ta' Settembru 2010, ikkwotat mill-istess Magistrat Istruttur li pero deherlu li kellu jaghmel differenza bejn il-'prima facie' f'kaz ta' sfida lill-Kummissarju (Art. 541 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-ragunijiet sabiex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.*

*Din il-Qorti ttenni li t-tifsira hija wahda, tintuza fejn tintuza u dak li japplika ghall-isfida japplika wkoll ghad-digriet tal-gheluq tal-kumplizzjoni."*

18. Ghalkemm din il-Qorti hija konxja li kien hemm ukoll sentenzi u decizjonijiet fejn gie ritenut li l-grad tal-prova f'dan l-istadju ghandu jkun dak tal-probabbli, din il-Qorti, kif preseduta, hija tal-opinjoni li l-grad tal-prova li ghandu jigi sodisfatt f'dan l-istadju huwa dak ta' bejn il-possibbli u l-probabbli. Kull interpretazzjoni differenti tkun tfisser li allura ma hemm l-ebda distinzjoni fil-kamp civili fuq il-grad tal-prova bejn decizjoni mehuda fuq

[2] *Per* Imhallef Michael Mallia.

bazi prima facie u decizjoni mehuda fil-meritu, ghaliex iz-zewg proceduri jirrikjedu prova sal-grad tal-probabbli. Tali interpretazzjoni ovvjament twassal ghal konkluzjoni assurda fil-kamp civili. Ghaldaqstant, il-grad tal-prova tal-prima facie fil-kamp civili huwa bil-fors inqas minn dak tal-probabbilita. Din il-Qorti temmen ukoll li t-tifsira ta' "prova sal-grad ta' prima facie" fl-ordinament guridiku Malti ghandha tkun wahda, tintuza fejn tintuza, kemm fil-kamp civili kif ukoll fil-kamp kriminali.

19. Konsegwentement, ghal fini tal-proceduri odjerni, huwa bizzejjed li din il-Qorti tkun sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi fl-eghluq tal-kumpilazzjoni, li jistghu legalment u ragonevolment iwasslu lill-Imhallef/Magistrat jew gurija debitament indirizzata li jsibu htija. Anki jekk il-kwistjoni tkun wahda dibattibli – cioe il-provi jistghu ragonevolment iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija, izda jistghu ukoll ragonevolment iwasslu ghall-konkluzjoni opposta – xorta jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza. Anke jekk il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni huma kontestati, din il-Qorti xorta trid tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex dan l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza, stante li m'hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja, li tiddeciedi definittivament il-kawza fil-meritu, imma biss li tiddeciedi jekk hemmx *"ragunijiet bizzejjed"*.

20. Fid-dawl tal-konsiderazzjoni fuq esposti, din il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni sal-lum – liema provi jridu ovvjament ikunu provi ammissibbli – jistghux (mhux necessarjament ser) iwasslu persuna ragonevoli li tikkonkludi li (1) gew kommessi r-reati elenkati fic-citazzjoni u (2) li kien l-imputat li kkommetta dawn ir-reati, jew ghall-inqas uhud minnhom.

21. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, mill-provi jirrizulta *prima facie* li fil-15 ta' April 2021 Leonella Desira kienet qed issofri minn ferita ta' natura gravi fuq wiccha. Pero il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu persuna ragonevoli tikkonkludi li l-imputat ikkommetta l-ewwel imputazzjoni li qieghda tigi addebitata lilu – u cioe li volontarjament ikkaguna din il-ferita lill-ex siehba tieghu. Kif diga inghad aktar il-fuq, dan ma garax minhabba xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li debitament harrket lill-parti

leza sabiex tixhed, izda ghaliex din il-Qorti laqghet it-talba ta' Leonella Desira sabiex ma tixhidx. Huwa vera li fil-bidu tax-xhieda taghha Leonella Desira qalet li telghet il-Qorti ghax l-imputat qabad itiha. Pero sussegwentement talbet lill-Qorti tezentha milli tixhed kontra l-imputat, u x-xhud ma tat l-ebda dettalji ta meta u fejn sar dan l-allegat swat.

22. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, ghalkemm huma provi ammessibbli, huma biss prova ta' l-informazzjoni li l-parti leza tat lil dawn ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u li se mai setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parti leza, kieku din xehdet. Pero dawn il-provi wahedhom certament mhux bizzejjed biex jindikaw htija, lanqas fuq bazi prima facie, stante li ma jikkostitwux prova tal-verita tal-fatti li rrakkontat lilhom il-parti leza. Dawn il-persuni li xehdu kollha hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qaltilhom il-parti leza. La darba, il-parti leza ma xehditx, ix-xhieda ta' dawn il-persuni ma tistax tigi kkontrollata. In oltre, it-tabiba Dr Ritianne Buhagiar lanqas ftakret x'kienet qaltilha l-parti leza dwar ic-cirkostanzi li fiha saret il-ferita.

23. Min-naha l-ohra fl-istqarrija tieghu, l-imputat jichad li hu ta daqqiet ta' ponn lil Leonella Desira fuq wiccha, anzi jghid li kienet hi li waqt l-argument verbali li kellhom ippruvat titfi sigarett go ghajnejh, u hu rreagixxa biex jiddefendi ruhu. Fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha li ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq l-imputat, pero f'dawk il-proceduri l-imputat irrinunzja ghall-kwerela.

24. Pero it-tieni, it-tielet, u r-raba imputazzjonijiet fic-citazzjoni – li huma ta' natura kontravenzjonali - jirrizultaw fuq bazi prima facie mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat stess. Dawn il-kontravvenzjonijiet jaqghu fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura kriminali, u ghalhekk il-proceduri fir-rigward ta' dawn ir-reati huma sommarji. Pero din il-Qorti ma tistax tghaddi biex tati sentenza fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet biss ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kodici Kriminali, stante li f'dan l-istadju d-difiza ghadha ma ressqitx il-provi taghha fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet, u d-difiza m'hix obbligata li taghmel f'dan l-istadju tal-proceduri. Konsegwentement, jekk

din il-Qorti tghaddi biex tati sentenza fuq dawn l-imputazzjonijiet f'dan l-istadju, tkun qed tikser id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq.

**Konkluzjoni**

Wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-imputat, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tiddeciedi illi m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi, flimkien mal-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-htija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**